Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**13970/25**

**FIN 1208**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Piotr SERAFIN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 15 ta' Ottubru 2025 |
| lil: | Is-Sur Nicolai WAMMEN, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Proposta għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2025 fit-Taqsima III Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025 f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument BUDGET DEC(2025) 17.

---

Mehmuż: BUDGET DEC(2025) 17

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

BRUSSELL, 15/10/2025

BAĠIT ĠENERALI - 2025
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 01, 02, 03, 04, 06, 07, 09, 16

TRASFERIMENT TA' APPROPRJAZZJONIJIET NRU **DEC 17/2025**

**INTRODUZZJONI**

F'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE Euratom) 2024/2509, dan it-trasferiment jipproponi li l-approprjazzjonijiet li jibqgħu disponibbli fuq il-linji ta' appoġġ amministrattiv mhux differenzjati jiġu trasferiti għal-linji operazzjonali tal-programmi jew tar-raggruppament ta' politika li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom. Dan jikkonċerna l-kapitoli taħt l-Intestatura 1 (ITER, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm tas-Suq Uniku u l-Programm Spazjali Ewropew), l-Intestatura 2b (EU4Health, Ewropa Kreattiva), l-Intestatura 3 (LIFE) u l-Faċilità għall-Ukrajna.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li jibqgħu disponibbli taħt il-linji ta' appoġġ amministrattiv se jitmexxew għal-linji operazzjonali tal-programmi, għal ammont totali ta' EUR 16-il miljun.

TRASFERIMENT TA’ APPROPRJAZZJONIJIET NRU **DEC 17/2025**

**MINN**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-KAPITOLU | 01 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Riċerka u Innovazzjoni” | *PARTITA* | *01 01 03 01* | *Nefqa relatata ma’ uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-programm ITER* | Mhux Diff | -1 500 000 |
| | | | *PARTITA* | *01 01 03 02* | *Persunal estern li jimplimenta ITER* | Mhux Diff | -48 000 |
| | | | *PARTITA* | *01 01 03 03* | *Nefqa ta’ ġestjoni oħra għal ITER* | Mhux Diff | -204 000 |
| IL-KAPITOLU | 02 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Investimenti Strateġiċi Ewropej” | *PARTITA* | *02 01 21 02* | *Nefqa ta’ appoġġ għas-Segretarjat għar-rieżami tal-prestazzjoni* | Mhux Diff | -781 158 |
| | | | *PARTITA* | *02 01 21 74* | *L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent - Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport* | Mhux Diff | -24 100 |
| | | | *PARTITA* | *02 01 30 01* | *Nefqa ta’ appoġġ għall-Programm Ewropa Diġitali* | Mhux Diff | -2 000 000 |
| IL-KAPITOLU | 03 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Suq Uniku” | *PARTITA* | *03 01 01 01* | *Nefqa ta’ appoġġ għall-Programm tas-Suq Uniku* | Mhux Diff | -1 030 000 |
| IL-KAPITOLU | 04 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Spazju” | *ARTIKOLU* | *04 01 01* | *Nefqa ta’ appoġġ għall-Programm Spazjali tal-Unjoni* | Mhux Diff | -1 200 000 |
| IL-KAPITOLU | 06 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Irkupru u reżiljenza” | *PARTITA* | *06 01 05 01* | *Nefqa ta’ appoġġ għall-Programm EU4Health* | Mhux Diff | -114 000 |
| | | | *PARTITA* | *06 01 05 73* | *L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali - Kontribuzzjoni mill-Programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health)* | Mhux Diff | -195 879 |
| IL-KAPITOLU | 07 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Ninvestu fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali u l-valuri” | *PARTITA* | *07 01 04 01* | *Nefqa ta’ Appoġġ għal Ewropa Kreattiva* | Mhux Diff | -1 250 000 |
| IL-KAPITOLU | 09 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ għall-cluster “Ambjent u Azzjoni Klimatika” | *PARTITA* | *09 01 01 01* | *Nefqa ta’ appoġġ għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)* | Mhux Diff | -170 000 |
| | | | *PARTITA* | *09 01 01 74* | *L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent - Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE)* | Mhux Diff | -396 524 |
| IL-KAPITOLU | 16 01 | Nefqa amministrattiva ta’ appoġġ lil hinn mil-limiti massimi annwali stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali | *ARTIKOLU* | *16 01 06* | *Nefqa ta’ Appoġġ għall-Faċilità għall-Ukrajna* | Mhux Diff | -7 068 595 |

**GĦAL**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-KAPITOLU | 01 04 | Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) | *ARTIKOLU* | *01 04 01* | *Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER - Impriża Konġunta Ewropea ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni* | Impenji | 1 752 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *01 04 01* | *Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER - Impriża Konġunta Ewropea ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni* | Pagamenti | 1 752 000 |
| IL-KAPITOLU | 02 03 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) | *ARTIKOLU* | *02 03 01* | *Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Trasport* | Impenji | 805 258 |
| | | | *ARTIKOLU* | *02 03 01* | *Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Trasport* | Pagamenti | 805 258 |
| IL-KAPITOLU | 02 04 | Programm Ewropa Diġitali | *PARTITA* | *02 04 05 01* | *Introduzzjoni* | Impenji | 2 000 000 |
| | | | *PARTITA* | *02 04 05 01* | *Introduzzjoni* | Pagamenti | 2 000 000 |
| IL-KAPITOLU | 03 02 | Programm għas-Suq Uniku | *PARTITA* | *03 02 01 01* | *Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi* | Impenji | 915 000 |
| | | | *PARTITA* | *03 02 01 01* | *Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi* | Pagamenti | 915 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *03 02 06* | *Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti* | Impenji | 115 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *03 02 06* | *Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti* | Pagamenti | 115 000 |
| IL-KAPITOLU | 04 02 | Programm Spazjali tal-Unjoni | *ARTIKOLU* | *04 02 01* | *Galileo / EGNOS* | Impenji | 1 200 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *04 02 01* | *Galileo / EGNOS* | Pagamenti | 1 200 000 |
| IL-KAPITOLU | 06 06 | Programm l-UE għas-Saħħa | *ARTIKOLU* | *06 06 01* | *Programm l-UE għas-Saħħa* | Impenji | 309 879 |
| | | | *ARTIKOLU* | *06 06 01* | *Programm l-UE għas-Saħħa* | Pagamenti | 309 879 |
| IL-KAPITOLU | 07 05 | Ewropa Kreattiva | *ARTIKOLU* | *07 05 01* | *Il-fergħa Kultura* | Impenji | 200 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *07 05 01* | *Il-fergħa Kultura* | Pagamenti | 200 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *07 05 02* | *Il-fergħa Media* | Impenji | 1 050 000 |
| | | | *ARTIKOLU* | *07 05 02* | *Il-fergħa Media* | Pagamenti | 1 050 000 |
| IL-KAPITOLU | 09 02 | Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) | *ARTIKOLU* | *09 02 01* | *In-natura u l-bijodiversità* | Impenji | 144 730 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | *ARTIKOLU* | *09 02 01* | *In-natura u l-bijodiversità* | Pagamenti | 144 730 |
| | | | *ARTIKOLU* | *09 02 03* | *Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima* | Impenji | 222 060 |
| | | | *ARTIKOLU* | *09 02 03* | *Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima* | Pagamenti | 222 060 |
| | | | *ARTIKOLU* | *09 02 04* | *Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa* | Impenji | 199 734 |
| | | | *ARTIKOLU* | *09 02 04* | *Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa* | Pagamenti | 199 734 |
| IL-KAPITOLU | 16 06 | Faċilità għall-Ukrajna | *PARTITA* | *16 06 03 01* | *Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra* | Impenji | 7 068 595 |
| | | | *PARTITA* | *16 06 03 01* | *Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra* | Pagamenti | 7 068 595 |

| Baġitarja | Desk. tal-linja | | Baġit inizjali + BE (1) | Trasferimenti (2) | Użu (3) | Ammont disponibbli (4)=(1)+(2)-(3) | Trasferiment propost (5) | Bidla (5/1) | Total (4±5) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 01 03 01 | Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-programm ITER | Mhux Diff | 6 260 760 | 0 | 4 760 760 | 1 500 000 | -1 500 000 | -23,96 % | 0 |
| 01 01 03 02 | Persunal estern li jimplimenta ITER | Mhux Diff | 255 750 | 0 | 207 750 | 48 000 | -48 000 | -18,77 % | 0 |
| 01 01 03 03 | Nefqa ta' ġestjoni oħra għal ITER | Mhux Diff | 1 654 102 | 0 | 910 633 | 743 469 | -204 000 | -12,33 % | 539 469 |
| 01 04 01 | Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER - Impriża Konġunta Ewropea ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni | Impenji | 478 335 069 | 0 | 478 335 069 | 0 | 1 752 000 | 0,37% | 1 752 000 |
| 01 04 01 | Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER - Impriża Konġunta Ewropea ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni | Pagamenti | 633 898 679 | 0 | 473 213 274 | 160 685 405 | 1 752 000 | 0,28% | 162 437 405 |
| 02 01 21 02 | Nefqa ta' appoġġ għas-Segretarjat għar-rieżami tal-prestazzjoni | Mhux Diff | 1 337 500 | -240 000 | 316 342 | 781 158 | -781 158 | -58,40% | 0 |
| 02 01 21 74 | L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent - Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport | Mhux Diff | 7 810 100 | 0 | 7 786 000 | 24 100 | -24 100 | -0,31% | 0 |
| 02 01 30 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropa Diġitali | Mhux Diff | 19 175 251 | 0 | 14 326 445 | 4 848 806 | -2 000 000 | -10,43% | 2 848 806 |
| 02 03 01 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Trasport | Impenji | 1 662 889 897 | 0 | 1 639 239 858 | 23 650 039 | 805 258 | 0,05% | 24 455 297 |
| 02 03 01 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Trasport | Pagamenti | 1 381 351 969 | -1 000 000 | 265 404 320 | 1 114 947 649 | 805 258 | 0,06% | 1 115 752 907 |
| 02 04 05 01 | Introduzzjoni | Impenji | 94 101 741 | 0 | 83 160 072 | 10 941 669 | 2 000 000 | 2,13 % | 12 941 669 |
| 02 04 05 01 | Introduzzjoni | Pagamenti | 113 282 273 | 0 | 74 203 422 | 39 078 851 | 2 000 000 | 1,77 % | 41 078 851 |
| 03 01 01 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tas-Suq Uniku | Mhux Diff | 13 975 000 | 0 | 8 463 688 | 5 511 312 | -1 030 000 | -7,37 % | 4 481 312 |
| 03 02 01 01 | Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi | Impenji | 24 985 000 | 0 | 14 623 214 | 10 361 786 | 915 000 | 3,66 % | 11 276 786 |
| 03 02 01 01 | Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi | Pagamenti | 20 662 707 | 0 | 17 329 540 | 3 333 167 | 915 000 | 4,43 % | 4 248 167 |
| 03 02 06 | Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti | Impenji | 240 498 884 | 0 | 86 492 713 | 154 006 171 | 115 000 | 0,05% | 154 121 171 |
| 03 02 06 | Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti | Pagamenti | 220 000 000 | -355 091 | 142 740 399 | 76 904 510 | 115 000 | 0,05% | 77 019 510 |
| 04 01 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Spazjali tal-Unjoni | Mhux Diff | 8 050 000 | 0 | 4 066 879 | 3 983 121 | -1 200 000 | -14,91 % | 2 783 121 |
| 04 02 01 | Galileo / EGNOS | Impenji | 1 220 732 673 | 0 | 1 220 732 673 | 0 | 1 200 000 | 0,10% | 1 200 000 |
| 04 02 01 | Galileo / EGNOS | Pagamenti | 1 090 000 000 | 0 | 478 761 709 | 611 238 291 | 1 200 000 | 0,11% | 612 438 291 |
| 06 01 05 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm EU4Health | Mhux Diff | 7 227 453 | 0 | 5 942 441 | 1 285 012 | -114 000 | -1,58 % | 1 171 012 |
| 06 01 05 73 | L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali - Kontribuzzjoni mill-Programm l-UE għas-Saħħa | Mhux Diff | 19 442 554 | 0 | 19 246 675 | 195 879 | -195 879 | -1,01% | 0 |
| 06 06 01 | Programm l-UE għas-Saħħa | Impenji | 555 939 966 | 0 | 6 073 592 | 549 866 374 | 309 879 | 0,06% | 550 176 253 |
| 06 06 01 | Programm l-UE għas-Saħħa | Pagamenti | 553 000 000 | 0 | 313 425 226 | 239 574 774 | 309 879 | 0,06% | 239 884 653 |
| 07 01 04 01 | Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva | Mhux Diff | 6 287 469 | 0 | 4 081 663 | 2 205 806 | -1 250 000 | -19,88 % | 955 806 |

| Baġitarja | Desk. tal-linja | | Baġit inizjali + BE (1) | Trasferimenti (2) | Użu (3) | Ammont disponibbli (4)=(1)+(2)-(3) | Trasferiment propost (5) | Bidla (5/1) | Total (4±5) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 05 01 | Il-fergħa Kultura | Impenji | 107 894 641 | 0 | 49 338 576 | 58 556 065 | 200 000 | 0,19% | 58 756 065 |
| 07 05 01 | Il-fergħa Kultura | Pagamenti | 109 761 016 | -4 666 721 | 40 969 823 | 64 124 472 | 200 000 | 0,18% | 64 324 472 |
| 07 05 02 | Il-fergħa Media | Impenji | 189 459 771 | 0 | 130 605 201 | 58 854 570 | 1 050 000 | 0,55% | 59 904 570 |
| 07 05 02 | Il-fergħa Media | Pagamenti | 175 353 553 | 0 | 142 213 717 | 33 139 836 | 1 050 000 | 0,60% | 34 189 836 |
| 09 01 01 01 | Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) | Mhux Diff | 10 552 540 | 0 | 8 999 096 | 1 553 444 | -170 000 | -1,61 % | 1 383 444 |
| 09 01 01 74 | L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent - Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE) | Mhux Diff | 17 258 107 | 0 | 16 861 583 | 396 524 | -396 524 | -2,30% | 0 |
| 09 02 01 | In-natura u l-bijodiversità | Impenji | 305 344 360 | 0 | 272 644 963 | 32 699 397 | 144 730 | 0,05% | 32 844 127 |
| 09 02 01 | In-natura u l-bijodiversità | Pagamenti | 154 909 483 | -13 000 000 | 102 275 628 | 39 633 855 | 144 730 | 0,09% | 39 778 585 |
| 09 02 03 | Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima | Impenji | 123 165 910 | 0 | 113 416 740 | 9 749 170 | 222 060 | 0,18% | 9 971 230 |
| 09 02 03 | Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima | Pagamenti | 89 966 414 | 0 | 79 503 679 | 10 462 735 | 222 060 | 0,25% | 10 684 795 |
| 09 02 04 | Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa | Impenji | 136 328 440 | 0 | 111 179 809 | 25 148 631 | 199 734 | 0,15% | 25 348 365 |
| 09 02 04 | Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa | Pagamenti | 91 852 076 | 13 049 760 | 84 928 286 | 19 973 550 | 199 734 | 0,22% | 20 173 284 |
| ***16 01 06** | Nefqa ta' Appoġġ għall-Faċilità għall-Ukrajna | Mhux Diff | 73 704 438 | -21 629 834 | 22 812 745 | 29 261 859 | -7 068 595 | -9,59 % | 22 193 263 |
| ***16 06 03 01** | Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra | Impenji | 155 000 000 | 21 629 834 | 155 515 000 | 21 114 834 | 7 068 595 | 4,56 % | 28 183 429 |
| ***16 06 03 01** | Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra | Pagamenti | 78 335 000 | 21 629 834 | 9 934 348 | 90 030 486 | 7 068 595 | 9,02% | 97 099 081 |
| | | | | | | **TNAQQIS Totali fil-Pagamenti** | **0** | | |
| | | | | | | **ŻIEDA Totali fil-Pagamenti** | **15 982 256** | | |
| | | | | | | **TNAQQIS Totali fl-Impenji** | **0** | | |
| | | | | | | **ŻIEDA Totali fl-Impenji** | **15 982 256** | | |
| | | | | | | **TNAQQIS Totali Mhux Diff** | **-15 982 256** | | |
| | | | | | | **ŻIEDA Totali Mhux Diff** | **0** | | |

* Innota li l-ammonti li jidhru fil-linji 16 01 06 u 16 06 03 01 jinkludu approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja 2024 f'konformità mal-Premessa 54 u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/792 bħala parti mill-ammonti proposti għat-trasferiment jistgħu jsiru disponibbli mill-approprjazzjonijiet riportati fil-linja baġitarja 16 01 06.

# Ġustifikazzjonijiet

## Tnaqqis 01 01 03 01

**Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-programm ITER**

It-tnaqqis ta' EUR 1,5 miljun huwa dovut għal dewmien fl-ippjanar tar-reklutaġġ tal-uffiċjali matul is-sena. Dan l-ammont jista' jiġi ttrasferit għal-linja operazzjonali 01 04 01 li turi kapaċità ta' assorbiment minħabba ħtiġijiet akbar fin-nefqa operazzjonali.

## Tnaqqis 01 01 03 02

**Persunal estern li jimplimenta ITER**

It-tnaqqis ta' EUR 48 000 huwa dovut għar-reklutaġġi aktar bil-mod milli previst. Dan l-ammont jista' jiġi ttrasferit għal-linja operazzjonali 01 04 01 li turi kapaċità ta' assorbiment minħabba ħtiġijiet akbar fin-nefqa operazzjonali.

## Tnaqqis 01 01 03 03

**Nefqa ta' ġestjoni oħra għal ITER**

It-tnaqqis ta' EUR 0,2 miljun huwa prinċipalment dovut għal valutazzjoni mill-ġdid tal-ħtiġijiet għall-missjonijiet, l-esperti u l-kuntratti ta' akkwist. Dan l-ammont jista' jiġi ttrasferit għal-linja operazzjonali 01 04 01 li turi kapaċità ta' assorbiment minħabba ħtiġijiet akbar fin-nefqa operazzjonali.

## Żieda 01 04 01

**Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea ITER — u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni**

Fir-rigward tal-Fużjoni għall-Enerġija, il-ħtiġijiet tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għas-snin attwali u futuri jiġu vvalutati mill-ġdid b'mod regolari mill-Impriża Konġunta (JU) u mill-Kummissjoni. Minħabba l-avvanz tajjeb tal-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER), l-Impriża Konġunta żiedet il-ħtiġijiet fin-nefqa operazzjonali, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti, primarjament għall-Kapitolu "Il-kostruzzjoni tal-ITER inkluża t-tħejjija tas-sit" tal-baġit tal-Impriża Konġunta. Għalhekk, qed jiġi propost li EUR 1,8 miljun jiġu trasferiti għal din il-linja mil-linji tan-nefqa għall-appoġġ tal-ITER.

## Tnaqqis 02 01 21 02

**Nefqa ta' appoġġ għas-Segretarjat għar-rieżami tal-prestazzjoni**

Is-Segretarjat tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) dam ma twaqqaf. B'riżultat ta' dan, ir-reklutaġġ tal-persunal tas-Segretarjat tal-PRB iddewwem ukoll b'xi kuntratti li bdew aktar tard milli kien previst inizjalment (April 2025) u spejjeż oħra, bħall-missjonijiet, tnaqqsu wkoll konsegwentement. Għalhekk, ammont ta' EUR 0,8 miljun jista' jiġi ttrasferit għal-linja operazzjonali tat-Trasport tal-FNE.

## Tnaqqis 02 01 21 74

**L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Trasport**

Ammont ta' EUR 24 100 jista' jiġi ttrasferit għal-linja operazzjonali tat-Trasport tal-FNE, minħabba kostijiet tal-persunal aktar baxxi fl-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), li jirriżultaw prinċipalment minn rata medja ta' postijiet tax-xogħol battala ogħla milli mistenni u indennizzi annwali għall-ivvjaġġar aktar baxxi milli stmat.

## Tnaqqis 02 01 30 01

**Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Ewropa Diġitali**

Mill-1 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni għandha 52 kuntratt tal-persunal fis-seħħ għall-Uffiċċju tal-IA, filwaqt li total ta' 80 FTE kienu ppjanati għall-2025. Peress li l-Uffiċċju għall-IA jeħtieġ persunal ta' profil għoli ħafna, b'għarfien espert estensiv fil-qasam relatat, ir-reklutaġġ jista' jkun ikkumplikat. B'konsegwenza ta' dan, ir-reklutaġġ tal-għadd meħtieġ ta' aġenti kuntrattwali għall-2025 kien soġġett għal dewmien, li rriżulta f'surplus ta' EUR 2 miljun fuq il-linja baġitarja amministrattiva tal-Uffiċċju tal-IA. Dan is-surplus jista' jiġi implimentat fuq il-linja operazzjonali tal-Mobilizzazzjoni.

## Żieda 02 03 01

**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport**

Is-surplus ta' EUR 0,8 miljun fuq il-linji tan-nefqa ta' appoġġ 02 01 21 02 u 02 01 21 74 huwa propost li jiġi ttrasferit għal-linja operazzjonali tat-Trasport tal-FNE li turi kapaċità ta' assorbiment għall-pagamenti parzjali pluriennali tal-għotjiet mogħtija.

## Żieda 02 04 05 01

**Introduzzjoni**

Is-surplus ta' EUR 2 miljun fuq il-linja tan-nefqa ta' appoġġ 02 01 30 01 jista' jiġi assorbit fil-linja operazzjonali tal-Mobilizzazzjoni, peress li tiffinanzja l-Azzjonijiet ta' Appoġġ għall-Programm, u l-għadd ta' studji li għandhom jiġu ffinanzjati żdied.

## Tnaqqis 03 01 01 01

**Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tas-Suq Uniku**

Minħabba pass aktar bil-mod milli antiċipat fil-bidu ta' ċerti azzjonijiet, l-iffirmar ta' diversi kuntratti relatati se jkollu jiġi differit għall-2026. Għalhekk, EUR 1 miljun jistgħu jiġu trasferiti għal-linji operazzjonali relatati.

## Żieda 03 02 01 01

**Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi**

Minħabba bidliet mhux previsti fl-implimentazzjoni tal-baġit, diversi proġetti taħt il-linja baġitarja tas-Suq Intern jeħtieġu finanzjament addizzjonali, u ċerti obbligi legali sinifikanti oriġinarjament skedati għall-2026 issa jeħtieġ li jiġu implimentati aktar kmieni. Għalhekk, qed jiġi propost li EUR 0,9 miljun jiġu ttrasferiti mil-linja tan-nefqa ta' appoġġ tal-Programm tas-Suq Uniku.

## Żieda 03 02 06

**Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti**

Minħabba dewmien fit-tnedija ta' ċerti azzjonijiet u kuntratti u studji relatati, qed jiġi propost li EUR 0,1 miljun jiġu ttrasferiti mil-linja tan-nefqa ta' appoġġ tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP) għall-fergħa tal-ikel SMP, li turi l-kapaċità li jiġu assorbiti l-krediti mhux użati.

## Tnaqqis 04 01 01

**Nefqa ta' appoġġ għall-Programm Spazjali tal-Unjoni**

It-tnaqqis huwa dovut għal inqas ħtiġijiet ta' assistenza teknika għal Galileo/EGNOS. Tnaqqis simili huwa rifless ukoll fil-proposta tal-abbozz tal-baġit tal-2026, li fiha ntalab baġit aktar baxx għal-linja tan-nefqa ta' appoġġ meta mqabbel mal-ipprogrammar finanzjarju inizjali. Għalhekk, ammont ta' EUR 1,2 miljun jista' jiġi trasferit għal-linja operazzjonali Galileo/EGNOS.

## Żieda 04 02 01

### Galileo / EGNOS

Iż-żieda ta' EUR 1,2 miljun hija r-riżultat ta' inqas ħtiġijiet ta' assistenza teknika fil-linja tan-nefqa ta' appoġġ għal Galileo/EGNOS. Żieda simili hija riflessa wkoll fil-proposta tal-abbozz tal-baġit tal-2026, fejn il-linja operazzjonali ta' Galileo tiżdied billi titnaqqas il-linja tan-nefqa ta' appoġġ meta mqabbla mal-ipprogrammar finanzjarju inizjali.

## Tnaqqis 06 01 05 01

### Nefqa ta' appoġġ għall-Programm EU4Health

Xi azzjonijiet ippjanati taħt in-nefqa ta' appoġġ għall-programm EU4Health iddewmu, għalhekk EUR 0,1 miljun jistgħu jiġu ttrasferiti għal-linja baġitarja operazzjonali biex jintużaw f'konformità mal-programm ta' ħidma.

## Tnaqqis 06 01 05 73

### Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm l-UE għas-Saħħa

Il-ħtiġijiet finali tal-baġit tal-2025 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) se jkunu aktar baxxi mill-baġit ivvutat. B'riżultat ta' dan, EUR 0,2 miljun jistgħu jiġu ttrasferiti għal-linja baġitarja operazzjonali tal-programm EU4Health.

## Żieda 06 06 01

### Programm l-UE għas-Saħħa

L-ammont ta' EUR 0,3 miljun huwa r-riżultat ta' surpluses identifikati fil-linji tan-nefqa għall-appoġġ 06 01 05 01 u 06 01 05 73, li rispettivament jirrilaxxaw EUR 0.1 miljun minħabba dewmien fl-azzjonijiet ippjanati, u EUR 0,2 miljun minħabba ħtiġijiet aktar baxxi milli stmat għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA).

## Tnaqqis 07 01 04 01

### Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva

L-ippjanar rivedut tal-ispejjeż taħt "Nefqa ta' appoġġ għal Ewropa Kreattiva" juri surplus ta' EUR 1,3 miljun, li huwa prinċipalment dovut għal għadd imnaqqas ta' studji u avvenimenti approvati. Dan l-ammont jista' jiġi ttrasferit għal-linja baġitarja 07 05 01 "Fergħa Kultura" biex jappoġġa proġetti addizzjonali (Miżuri ta' kooperazzjoni) fil-qasam tal-Kultura implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), u għal-linja baġitarja 07 05 02 "fergħa MEDIA".

## Żieda 07 05 01

### Il-fergħa Kultura

L-ippjanar rivedut tal-ispejjeż taħt il-linja baġitarja 07 01 04 01 "Nefqa ta' appoġġ għal Ewropa Kreattiva" juri surplus ta' EUR 0,2 miljun li jista' jiġi ttrasferit għal-linja baġitarja "Fergħa Kultura" biex jappoġġa proġetti addizzjonali (Miżuri ta' kooperazzjoni) fil-qasam tal-Kultura implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA).

## Żieda 07 05 02

### Il-fergħa Media

Minħabba għadd imnaqqas ta' studji u avvenimenti approvati, il-ħtiġijiet baġitarji tal-linja amministrattiva 07 01 04 01 "Nefqa ta' appoġġ għal Ewropa Kreattiva" se jkunu aktar baxxi milli stmat. Is-surplus ta' EUR 1,1 miljun jista' jiġi implimentat fuq il-linja baġitarja tal-"fergħa MEDIA".

## Tnaqqis 09 01 01 01

### Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

Minħabba ħtiġijiet aktar baxxi milli inizjalment stmati fuq il-linja tan-nefqa ta' appoġġ tal-programm LIFE, EUR 0,2 miljun jistgħu jiġu ttrasferiti għal-linji operazzjonali relatati.

## Tnaqqis 09 01 01 74

### L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE)

Huwa propost li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 0,4 miljun għal-linji operazzjonali tal-programm LIFE minħabba kostijiet tal-persunal aktar baxxi minn dawk stmati inizjalment fl-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA). B'mod partikolari, dan is-surplus huwa spjegat mill-fatturi li ġejjin: rata medja ogħla ta' postijiet tax-xogħol battala, indennizz tal-ivvjaġġar annwali aktar baxx, spejjeż ta' riklassifikazzjoni aktar baxxi u impatt ogħla tal-liv tal-ġenituri fix-xhur tas-sajf.

## Żieda 09 02 01

### In-natura u l-bijodiversità

Minħabba l-iffrankar relatat mal-kostijiet tal-persunal identifikati mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) taħt il-linja baġitarja 09 01 01 74, huwa propost li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 0,1 miljun għal-linja tan-Natura u l-Bijodiversità.

## Żieda 09 02 03

### Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

Ammont ta' EUR 0,2 miljun huwa propost li jiġi trasferit għal-linja operattiva 09 02 03 bħala riżultat tal-eċċessi identifikati fil-linji amministrattivi tal-programmi LIFE.

## Żieda 09 02 04

### Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

Minħabba l-iffrankar relatat mal-kostijiet tal-persunal identifikati mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) taħt il-linja baġitarja 09 01 01 74, huwa propost li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 0,2 miljun għal-linja tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

## Tnaqqis 16 01 06

### Nefqa ta' Appoġġ għall-Faċilità għall-Ukrajna

Minħabba d-dewmien osservat fil-proċessi ta' reklutaġġ u ta' kuntrattar għall-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna, EUR 7,1 miljun (EUR 4,4 miljun minn approprjazzjonijiet ġodda tal-2025 u EUR 2,6 miljun ta' approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja 2024) jistgħu jiġu ttrasferiti għal-linja baġitarja operazzjonali. Peress li l-persunal issa huwa reklutat bis-sħiħ u l-attivitajiet huma kompletament operazzjonali.

## Żieda 16 06 03 01

**Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra**

Is-surplus ta' EUR 7,1 miljun (EUR 4,4 miljun ta' approprjazzjonijiet ġodda tal-2025 u EUR 2,6 miljun ta' approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja 2024) identifikat fil-linja ta' nefqa ta' appoġġ tal-Faċilità għall-Ukrajna huwa propost li jiġi ttrasferit għall-finanzjament ta' assistenza bbażata fuq il-proġetti taħt il-linja baġitarja "Assistenza tal-Unjoni għall-Adeżjoni u miżuri oħra". Fi ħdan l-arkitettura tal-Faċilità, dan l-appoġġ jingħata permezz tal-azzjoni "Faċilità ta' Kooperazzjoni Teknika għall-Ukrajna". Din l-azzjoni tirfed l-allinjament progressiv tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE fid-dawl tas-sħubija futura fl-UE, filwaqt li tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna. Fl-istess ħin, issaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċità tal-Ukrajna li tirrispondi għall-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluż permezz ta' tiswijiet urġenti tal-infrastruttura tal-enerġija. Hija tiffinanzja proġetti implimentati fi sħubija mal-Istati Membri tal-UE f'approċċ ta' Tim Ewropa, u tipprovdi appoġġ lis-soċjetà ċivili, lill-media u lill-atturi tad-drittijiet tal-bniedem.